Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,498, 23 ta'Ottubru, 2009
Taqsima B

A.L. 286 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut Edward de Bono għat-Tifsil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istudji, li għandu jinkludi membri mill-Universitajiet Imsieħba, maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u l-organizzazzjoni tal-Kors;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation;

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudju li jwassal għall-grad ta' International Joint Master of Science in Strategic Innovation and Future Creation;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Strategic Innovation and Future Creation;

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad;

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta; u

"l-Istituzzjonijiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li ġejjin li qegħdin jieħdu sehem fil-proġett 74922-IC-1-2005-1-MT-ERASMUS-PROGUC-5 2006-2305/001 – 001 SO2, b'fondi tal-EU:

University of Teesside, England
Turku School of Economics, Finland
University of Potsdam, Germany
Università ta' Malta, Malta.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. Biex jidħlu fil-Kors, l-applikanti għandhom ikollhom grad ta' Bachelor minn din l-Università, jew kwalifikazzjoni ekwivalenti miksuba minn xi università rikonoxxuta oħra.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 kredtu, li minnhom 90 kredtu huma assenjati għall-taqsimiet studju mgħallma u 30 kredtu għall-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu minimu ta' 60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mhux anqas minn 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

(4) L-istudenti kollha jkunu meħtieġa jagħmlu perijodu ta' studju obbligatorju f'kull waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Progress u l-Valutazzjoni

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha ssir meta jispiċċa t-tagħlim tat-taqsima studju, waqt il-perijodu ta' attendenza li jkun f'waħda mill-Istutizzjonijiet Imsieħba fi żmien speċifikat mill-Bord.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 kredtu ta' taqsimiet studju mgħallma, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kredti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet li weħlu minnhom, fl-ewwel opportunità possibbli, kif determinat mill-Bord.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

7. L-istudenti jitħallew ikomplu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni jekk ikunu temmew b'suċċess it-taqsimiet studju mgħallma kollha b'marka medja ta' mhux anqas minn 65%.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 25,000 – 30,000 kelma fuq suġġett relatat mal-kreatività, maniġjar tal-innovazzjoni, l-ipjanar u t-tfassil tal-futur u/jew intraprenditorija. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa lill-Bord dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt ir-raba' semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissetazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tielet semestru.

9. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jagħtu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* jew *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) jkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

10. (1) Kull dissertazzjoni għanda tiġi eżaminata minn Bord tal-Eżaminaturi magħmul għall-anqas minn erba' eżaminaturi. Għall-anqas wieħed mill-eżaminaturi għandu normalment ikun eżaminatur lokali minn waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, waqt li l-eżaminatur barrani għandu jkun magħżul minn istituzzjoni li mhijix waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba.

(2) L-istudenti normalment ikunu meħtieġa li joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.